MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1543/1999/1

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman David Tabone u l-istess Norman David Tabone**

**vs**

**Jonathan Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundanant:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet mija tlieta u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm383.08,0) in kwantu ghal tliet mija u tmien Liri Maltin u tmien centezmi (Lm308.08,0) lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine u in kwantu ghal hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75.00,0) lill-attur Norman David Tabone, in linea ta' danni – minnu kagunati u minnha sborsati – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Hal-Tarxien fit-23 ta' Marzu ta' l-1999 meta waqt li kien qed issuq il-vettura numru HAH-742 habat mal-vettura numru ABG 221 propjeta' tal-attur Norman David Tabone u misjuqa minnu – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Mejju ta' l-1999 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru ta' l-1999, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata t-30 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi din l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Il-fatt kien gara fit-23 ta' Marzu ta' l-1999 u huwa gie notifikat biss ricentement u qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali u konsegwentement stante illi l-azzjoni ma tkomplietx kontra kuraturi mhux applikabbli l-artikolu 2131 tal-Kodici Civili illi jehtieg illi l-proceduri l-attur ikomplihom;**

**2. Din l-azzjoni ghandha tigi dikjarata dezerta stante illi ilha aktar minn sena biex tigi notifikata lill-konvenut skond l-artikolu 963 tal-Kodici Civili;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma kienx responsabbli tal-kollizzjoni in kwistjoni li grat unikament bi htija ta' Norman David Tabone.**

**4. Illi t-talba ta' Lm383.08,0 hija eccessiva stante illi anke kieku kellu tort, il-hsara kienet biss hsara ta' entita' zghira mal-bumper;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat is-sentenza preliminari datata d-9 ta' Lulju tas-sena 2002;**

**Rat il-verbal tal-konvenut a fol 49 li permezz tieghu l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' din l-ewwel eccezzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ezaminat in-noti rispettivi taghhom u tissottolinea l-apprezzament taghha ghal lealta' murija mill-imsemmija rapprezentanti legali;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tat-8.30 p.m. tat-23 ta' Marzu ta' l-1999, fi Triq Santa Marija, Hal-Tarxien;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu dik bin-numru ta' registrazzjoni HAH-742 tal-marka Mini Minor misjuqa mill-konvenut u dik bin-numru ta' registrazzjoni ABG-221 tal-marka Volkswagen Polo misjuqa mill-attur Norman David Tabone;**

**3. Illi l-iskizz ipprezentat fil-mori tal-kawza jirrizulta li jirriproduci fedelment is-sitwazzjoni kif ikkristallizzat ruhha bl-incident bil-vettura ta' l-attur fil-karreggjata interna u dik tal-konvenut fil-karreggjata esterna;**

**4. Illi l-attur Tabone jsostni li kien qed isuq madwar ghoxrin (20) pied 'l boghod mill-vettura tal-konvenut izda meta z-zewg vetturi wasslu qrib il-post fejn sehh l-incident dawn kienu kwazi ma' xulxin;**

**5. Illi l-attur Tabone jsostni li f'daqqa wahda l-konvenut "….qasamli fuq ix-xellug", u dan, minghajr, ma ta l-ebda indikazzjoni li kien ser jaghmel dan;**

**6. Illi jirrizulta assodat li d-danni sofferti mill-attur, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, jammontaw ghal dak mitlub fl-avviz meritu tal-procedura, (ara wkoll fol 38);**

**7. Illi minn naha tieghu il-konvenut isostni li ta pre avviz qabel it-tenta l-manuvra tieghu meritu ta' din il-procedura, (ara fol 84), u kien l-attur li dahal go fih;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm il-kontendenti principali fil-meritu jaghtu stampa kemm xejn differenti minn xulxin pero' analizi**

**tar-riskontru oggettiv jghin hafna ghar-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina;**

**Illi ghalhekk jinghad is-segwenti:**

**1. Illi l-konvenut kien qed isuq f'karreggjata esterna;**

**2. Illi effettwa manuvra li permezz taghha ried jidhol go "side street" u fuq ix-xellug tieghu;**

**3. Illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi accettat li xeghel l-"indicator" biex juri tali intenzjoni xorta wahda kellu l-oneru li jara li l-manuvra tieghu ma kinitx ta' perikolu ghalih u ghall-utenti ohra fit-triq;**

**4. Illi jirrizulta, anke mill-analizi ta' l-iskizz ipprezentat fl-atti, (ara fol 32), li l-konvenut kien ferm azzardat fil-manuvra tieghu u naqas ferm fil-prudenza dovuta biex jeffettwa manuvra ta' dik ix-xorta minghajr perikolu, stante li spicca ta' ostakolu ghall-utenti ohra legittimi tat-triq;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Jonathan Pace responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferit mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u tminn centezmi, (LM383.08,0) apporzjonati kif indikat mill-atturi stess fl-avviz li ta' lok ghal din il-procedura;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Jonathan Pace biex ihallas lill-atturi l-ammont hemm likwidat, bl-ispejjez.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------